MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

Il-Ħamis, 28 ta' Diċembru, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fit-08:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 32.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

32.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 32.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

32.2.1 Is-Sindku qal li meta jħares lura lejn din is-sena, huwa verament sodisfatt lejn il-ħidma li irnexxielu iwettaq dan il-Kunsill. Fost dawn il-ħidmiet kien hemm applikazzjonijiet ta' fondi ta eluf ta' Euro li ġew milqgħuha, fosthom l-applikazzjoni tat-toroq rurali, fondi mit-TM sabiex tinxtara karozza u roti tal-eletrikku u studju sostennibli u anke xi fondi oħrajn mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u anke Ministeru għall-Għawdex.

32.2.2 Is-Sindku qal li l-attivitajiet tal-Milied kienu ta' suċċess. Hu kompla jgħid li t-tiżjin tal-Milied intoġgħob minn bosta u saħansitra telgħu diversi ritratti tat-tiżjin tal-Pjazza ta' San Lawrenz fuq il-midja soċjali. Is-Sindku qal li għas-sena d-dieħla s-siġra jixraq jinxtara iktar *tinsel* biex tingħata dehra aħjar. Il-Kunsill qabel.

32.2.3 Is-Sindku qal li rċieva konferma li l-proġett ta' SOLIDEA tal-meeting of Citizens, li aħna partner fih ma aġenzja Taljan fejn se ikun hemm opportunita tas-safar bħala skambju ma pajjiżi oħra. Dan ifisser li l-proġett ser ikun f'Mejju li ġej fil-Croaztia u f'Settembru il-proġett ikun l-Italja.

32.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) saqsiet lil Kunsill għall-konferma biex is-Sinjura Marianne Sagona tibqa' bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel.

32.2.5 Is-SE qalet li għat-tender tal-Electric Vehicle hemm bżonn li jiġi inkarigat inġinier sabiex jieħu ħsieb il-proċess u d-dokument. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lis-Sur Josef Micallef jew lis-Sur Mario Galea.

32.2.6 Is-SE qalet li daħlet talba mingħand is-Sinjura Annie Cauchi sabiex issir mera fi Triq ir-Rokon. Il-Kunsill qabel mat-talba.

## 32.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

32.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa fl-liema stadju waslu l-*cameras* tal-Pjazza. Is-Sindku qal li wara l-qbil tal-Kunsill li sar sabiex dawn jinqalgħu, l-*cameras* inqalgħu mill-fornitur. Wara li l-Kunsill talab kwotazzjonijiet mingħand fornituri oħrajn, se tintgħażel l-irħas waħda u jitwaħħlu l-iktar fis possibli.

32.3.2 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk mal-applikazzjoni tal-PA tal-*Boutique Hotel* li jinbena fi Triq Wied il-Merill, tħallsux flus lejn il-UIF Funds jew ħasbux biex mal-permess ikun hemm parkings speċifiki għall-*hotel*. Is-SE qalet li se tibgħat lill-PA għal din l-informazzjoni.

32.3.3 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk dawk il-fondi li ingħataw mill-Ministeru għall-Għawdex għall-Triq il-Wileġ u Triq id-Duluri, humiex se jkunu biżejjed sabiex il-Kunsill ma joħroġx spejjeż żejda. Is-Sindku spjega li bħala Kunsill, dejjem konna igwidati bi stima u l-pariri professjonali tal-Perit.

## 32.4 Performance Bonus għall-Impjegati

32.4.1 Is-SE qalet li r-rakkomandazzjoni għall-iskrivana Carmen Micallef hi li tingħata l-massimu tal-perfomance bonus. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jaqbel unanimament.

32.4.2 Is-Sindku ippropona li s-SE tieħu l-massimu tal-performance bonus ukoll għaliex dejjem ħadmet u għamlet l-għalmu tagħha. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 32.5 Il-Baġit tal-Kunsill għas-sena 2018

32.5.1 Is-SE qalet li ma kienx hemm suġġeriment mill-pubbliku u saqsiet jekk jixtieqx ikun hemm iktar suġġerimenti mill-Kunsilliera. Ma kien hemm l-ebda suġġerimenti.

## 32.6 Kooperattiva Lawrenzjana

32.6.1 Is-Sindku qal li waqt Swejjaq u l-viżita' li għamlet il-President ta' Malta f'Diċembru, hu innota l-potenzjal li hemm fil-prodotti awtentiċi Lawrenzjani, fosthom ikel preservat, ħelu artiġjanali, għasel u affarjiet oħra.Is-Sindku kompla jgħid li bħala Kunsill nistgħu ngħinu sabiex dawn il-prodotti differenti u kollha ta' kwalita' tajba ikunu taħt Kooperattiva waħda. Dan ifisser li jkollhom l-istess ippakkjar u branding.

32.6.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u s-Sindku ppropona li nagħmlu laqgħa mal-Onorevoli Clint Camilleri sabiex niddiskutu proposti ta' għajnuna għal din l-opportunita'.

## 32.7 Radd il-Ħajr lil James Grima u Ambaxxatur Ġdid

32.7.1 Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lil-ambaxxatur taż-żgħażagħ, James Grima tax-xogħol u dedikazzjoni li wera lil Kunsill dawn l-aħħar snin u jispera

li kien żmien ta' esperjenza għalih ukoll. Is-Sur James Grima rringrazzja lil Kunsill għal din l-esperjenza sabiħa.

31.7.2 Is-Sindku qal li ħarġet is-sejħa għall-ambaxxatur ġdid u kien hemm risposta waħda mingħand is-Sinjorina Martina Cassar. Il-Kunsill qabel li japprova lil Martina Cassar bħala ambaxxatriċi taż-żgħażagħ.

## 32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

32.8.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 32.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-11:30 u ġiet aġġornata għat-2 ta' Frar 2018 fit-13:30.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv